



# Tmexxija ta' ħila

*- Pawlu Sammut | Viċi-President*

Qegħdin inqarrbu l-mitt sena mit-twaqqif tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, l-ewwel kumitat imwaqqaf uffiċjalment u rikonoxxut sabiex jieħu ħsieb il-festa esterna ta' San Ġorġ. Kumitat li mhux biss matul dawn is-snin kollha ħadem biex iżomm il-festa Ġorġjana fost l-ewlenin fil-gżejjer Maltin, iżda wkoll kien minn tal-bidu f'diversi oqsma tal-festi Maltin.

l-istorja turina li kull bidla ġġib tibdiliet u ideat ġodda. Dan kien jgħodd għall-ewwel kumitat tal-festa fejn insibu kif l-ewwel imsieħba ħadmu u rsistew b'imħabba lejn San Ġorġ, lejn il-festa u l-unur tal-Belt Pinto.

Meta nibdew nixtarru l-istorja tal-festa Ġorġjana, nistgħu ngħidu bla tlaqliq, li l-ewwel snin tal-kumitat kienu snin tad-deheb. Daħlu żviluppi u twettqu riformi ġodda mertu tal-ewwel voluntiera, li b'imħabba taw l-enerġija u t-talenti tagħhom fil-festa Ġorġjana.

F'din il-kitba tiegħi nixtieq inwassal l-apprezzament lejn dawk il-membri kollha li għamlu parti minn dan il-kumitat tul dawn l-aħħar 98 sena, għall-ħidma tagħhom b'riżq il-festa. Iżda minħabba diversi raġunijiet, fosthom l-ispazju, ser insemmi wħud minnhom, li tul iż-żmien, ħallew marka u żammew ħajja l-ħidma tal-kumitat tal-festa. B'daqshekk żgur li m'għandix f'moħħi li nnaqqas xi mertu mill-membri l-oħra kollha li bħalhom u daqshom, stinkaw sabiex dejjem kellna festa xierqa u kbira.



**Dun Vinċenz Azzopardi**

Hu sewwa u xieraq li nibdew bil-kappillan Dun Vinċenz Azzopardi, li kien propju hu li ħass il-bżonn li titwaqqaf din l-għaqda bl-ewwel seduta li saret nhar id-29 ta' Ġunju, 1919. L-għan għat-twaqqif ta' dan il-kumitat kellu jkun speċifikament sabiex il-festa ta' San Ġorġ ġewwa Ħal Qormi, tiġi iċċelebrata bl-aktar mod organizzat, u li fuq kollox li tkun festa li tagħmel ġieħ kemm lill-patrun San Ġorġ, kif ukoll lill-Belt Pinto.

*ikompli f'paġna 53*

Insemmi wkoll it-tieni president tal-kumitat, li kien it-Tabib Federico Maempel, li dam f'din il-kariga bejn l-1925 u 1947. Taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu saru żviluppi importanti kemm fl-armar ġdid u innovazzjonijiet kbar fil-piroteknika. Żmien it-tmexxija tiegħu kien żmien iebes minħabba l-qasma ta' Ħal Qormi f'żewġ parroċċi, u l-effett tat-Tieni Gwerra Dinjija. It-Tabib Federico Maempel miet nhar id-9 ta' Diċembru, 1948, fl-età ta' 62 sena.



*Dr. Federico Maempel*



*Dun Ġwann Porsella Flores*

Żewġ persuni oħra importanti fit-tmexxija ta' dan l-ewwel kumitat kienu bla dubju ta' xejn il-Kanonku Dun Ġwann Porsella Flores u Dun Vinċenz Borg, "Tal-Gardell". Dun Ġwann kien amministratur ta' dehen u għaqal kbir. Għamel żmien twil fil-kariga ta' segretarju sabiex saru diversi affarijiet ġodda fil-festa esterna. Dun Ġwann kien bniedem ta' kultura u intelliġenza kbira. Kellu sehem kbir fl-iżvilupp tal-piroteknika, jiġifieri fil-logħob tan-nar, fil-festa tagħna u kien ukoll jieħu ħsieb iniżżel kull dettall dwar ix-xogħol u l-ħidma tal-kumitat u tal-piroteknika fir-reġistri tal-kumitat. Dun Ġwann Porsella Flores miet nhar is-26 ta' Diċembru, 1939, meta kellu 69 sena.

Flimkien ma' Dun Ġwann, dejjem insibu lil Dun Vinċenz Borg, però bħala teżorier tal-istess kumitat. Kienu huma t-tnejn il-moħħ sabiex ġabu professuri Taljani tal-logħob tan-nar, sabiex jaħdmu n-nar f'Ħal Qormi, għall-festa ta' San Ġorġ. Għalkemm jien tal-opinjoni, li Filippo Gaffarelli ġa kellu kuntatt ma' Dun Vinċenz Borg għaliex ismu u disinji tiegħu jissemmew u dehru f'seduta tal-kumitat sa minn Jannar tal-1923. Però, kien fl-14 ta' Frar, 1926, li l-kaxxier Dun Vinċenz Borg, waqt seduta tal-kumitat, qara korrispondenza li waslet mingħand 'Sign. Filippo Gaffarelli di Catania', li fiha huwa qal li kien lest li jiġi jaħdem b'mhux anqas minn nofs lira kuljum. Din il-proposta ġiet milqugħa mill-membri kollha tal-kumitat u fl-istess seduta l-istess membri preżenti ġabru bejniethom is-somma ta' tlieta u għoxrin lira għal dan il-għan. Dun Vinċenz flimkien ma' Dun Ġwann baqgħu jżommu kuntatt ma' diversi esperti tal-piroteknika Taljani sabiex jiġu jaħdmu u jaħarqu n-nar fil-festi sal-1935. Dun Vinċenz jibqa' l-aktar imfakkar għall-proġett kbir tal-bini tal-Oratorju Festiv Sagra Familja, fejn iddedika l-aħħar żmien ta' ħajtu għal dan il-proġett. Huwa miet nhar il-31 ta' Diċembru, 1957.



*Dun Vinċenz Borg*

*ikompli f'paġna 54*



*Ġorġ 'Ta' Mastranġ'*

Membru ieħor fil-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, li nħoss li ħalla marka, l-aktar fl-armar tal-festa, kien Ġorġ Cassar, magħruf bħala Ġorg 'Ta' Mastranġ'. Ġorġ kien ukoll bennej prim u nsibuh inkarigat mill-istess kumitat sabiex jerġa' jibni mill-ġdid il-kamra tan-nar wara li kienet iġġarrfet minn irwiefen qawwija f'Jannar tal-1928. Ġorġ Cassar kien imqabbad mill-kumitat sabiex jieħu ħsieb l-armar tal-festa. Insibuh dejjem jirsisti sabiex jarma b'sengħa l-armar tat-toroq, bħalliekieku qed jibni, bir-riegla ċomb. Illum waqt li nkunu qed narmaw il-pedestalli u l-antarjoli, spiss insemmu lil dan Ġorġ, kif kien b'reqqa kbira jarma l-armar b'sengħa fit-toroq tagħna, bir-riegla ċomb, dak li llum insejħulu invell, u ma kienx ikun kuntent jekk l-istess armar ma jkunx dritt xemgħa! Ġorġ insibuh jirsisti qatigħ sabiex fi żmienu jiżżanżnu s-26 trufej kollha ta' Triq il-Kbira u t-28 pedestall tal-puttini, flimkien ma' xi pedestalli oħra. Ħadem ħafna sabiex l-armar kien ikun lest għall-festa, u mhux l-ewwel darba li ħareġ flus minn butu, u kien jitħallas biss wara li l-flus kienu jinġabru mill-benefatturi; l-importanti għalih kien li jiżżanżan kemm jista' armar għall-festa.



*Antonio Azzopardi*

Antonio Azzopardi, magħruf bħala 'il-Bożu' kien ukoll wieħed mill-ewwel imsieħba fil-kumitat tal-festa. Insibu li ħadem u rsista ħafna l-aktar fit-tmexxija tal-kumitat. Kien maħtur diversi drabi biex jiddiskuti u jissorvelja xogħlijiet fuq armar, dwal u oqsma oħra. Antonio kien ukoll segretarju tal-istess kumitat, u miet waqt li kien għadu jżomm din il-kariga fl-età ta' 48 sena, nhar it-22 ta' Mejju, 1940.



*Gian Maria Scicluna*

Gian Maria Scicluna, 'Ta' Randa', kien ukoll wieħed minn tal-ewwel fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, jiġifieri sa mill-1919. Gianmarì kien mastrudaxxa prim, raġel tal-affari tiegħu, u li dejjem ħadem u rsista bla ma qatt daqq trombi. Ix-xogħol fl-injam kienet is-sengħa tiegħu. Huwa ħadem il-pedestalli tal-puttini ta' Triq il-Kbira. Ħadem ukoll sett ta' gastri għall-kandelabri kif ukoll sett trufej.



*Ġorġ Azzopardi*

Membru ieħor li ħafna baqgħu jiftakruh ukoll għall-ħidma kbira tiegħu kien Ġorġ Azzopardi, 'Il-Busu', iben Antonio, li wkoll għamel żmien segretarju tal-kumitat bejn l-1956 u l-1958. Iż-żmien li hu kien fil-kumitat, ma tantx kienu żminijiet faċli. Kien bit-tħabrik tiegħu li nkiteb u sar l-innu popolari lil San Ġorġ li għad għandna sal-lum, jiġifieri l-'Fjur ta' Martri', fuq mużika ta' Maestro Giuseppe Camilleri u versi tal-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila.

Membru ieħor li nsibu fil-kumitat tal-imgħoddi hu Ġużeppi Azzopardi, magħruf bħala 'Ta' Żbari'. Sa mit-twaqqif tal-kumitat, insibu diversi membri li kienu speċifikament inkarigati minn xi aspett differenti tal-festa. Fosthom persuni inkarigati min-nar, baned, dwal u armar. Ġużeppi Azzopardi kien speċifikament jieħu ħsieb id-drapp kollu li kien jintrama fil-festa, fosthom it-tiżjin tal-bnadar, bandalori tat-trufej u l-pavaljuni.


Salvu Sammut

Persuna oħra b'imħabba kbira lejn San Ġorġ kien Salvu Sammut, jew kif kien magħruf aħjar bħala 'Gori'. Għamel ħajtu jaħdem u jirsisti, jterraq mat-toroq ta' Ħal Qormi jagħmel il-lotteriji u jiġbor il-flus għall-festa ta' San Ġorġ. Ma kienx jaqta' qalbu la mis-sħana lanqas mill-kesħa. Baqa' dejjem jirsisti jiġbor għall-festa. Ħafna għadhom jiftakruh jimbotta il-'*push-chair*' tat-trabi b'xi xbieha ta' San Ġorġ jew inkwatru bil-flus fih, jagħmel il-lotteriji b'riżq il-festa. Gori miet nhar it-13 ta' Jannar, 1960 fl-età ta' 68 sena.


Ġorġ Baldacchino

Ġorġ Baldacchino 'Tal-Paċċ' kien membru ieħor li nħoss li bħall-membri kollha fi ħdan dan il-kumitat, ħadem qatigħ b'riżq il-festa. Ġorg għamel żmien teżorier u ħafna anzjani jiftakruh jiġbor is-sold fil-kopp aħmar kull nhar ta' Ħadd quddiem il-każin tal-festa. Lil Ġorġ Baldacchino wieħed kien isibu jidher f'isem il-Kumitat Festi Esterni fil-kawża tal-armar tal-festa, sabiex l-istess armar kellu jibqa' jintrama għall-festa ta' San Ġorġ. Din il-kawża kienet intrebħet mill-appell nhar id-19 ta' Ġunju, 1939.


Ġanni Ċini

Ġanni Cini kien membru attiv ħafna wkoll. Huwa kien inkarigat jieħu ħsieb l-armar tal-festa wara Ġorġ Cassar Ta' Mastranġ. Kien fi żmien Ġanni Cini li l-Palk Prinċipali, jew kif huwa magħruf ukoll bħala l-Palk ta' Pinto, ittieħed u ntrama fuq il-fosos tal-Furjana, fejn nhar l-4 ta' April, 1948, kienet ġiet inkurunata ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tas-Saħħa.


Antonio Zammit

Min ma semax b'Antonio Zammit, jew kif kienu jafuh l-aktar bħala Ninu ta' Xiffa, membru li kien ta kontribut twil u ta' importanza fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni? Sa minn żgħożitu, Ninu kien jgħin fil-festa u ta' età żgħira nsibuh fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, jibdel is-sistema kollha tad-dawl tal-kandilabri minn tal-aċitelena għad-dawl elettriku kif nafuh illum. Ninu Zammit għamel xi żmien ukoll bħala teżorier. Baqa' jgħin u jirsisti f'dak kollu li seta', speċjalment

*ikompli f'paġna 56*

fejn jidħol id-dawl tal-festa, sal-aħħar ta' ħajtu. L-aħħar biċċa xogħol tiegħu kien it-tibdil tal-'wires' kollha tas-siġra kbira li tintrama fi Triq il-Kbira.


*Kola Mamo*

Ħafna għadhom jiftakru lil Kola Mamo. Kien bniedem attiv ħafna wkoll, u kien responsabbli mill-armar tal-festa. Kola kien impjegat mas-servizzi u għalhekk id-dixxiplina u s-serjetà fil-ħidma tiegħu kienet tidher anke waqt l-armar tat-toroq fil-jiem ta' qabel il-festa. Kola kien ħa dan l-inkarigu wara Ġanni Cini. Għalkemm is-snin sittin u sebgħin ma kinux żminijiet feliċi għall-festi Maltin, Kola dejjem irsista flimkien mat-tfal tiegħu, ma' Ġużeppi Agius Ta' Bramel, Midju Mamo, Ġorġ Schembri, Carmelo Spiteri u żgħażagħ oħra, sabiex il-festa Ġorġjana tibqa' waħda kbira. Meta tħares lura u tara kif kien jintrama l-kwantità kbira tal-armar mingħajr l-inġenji tallum, wieħed jifhem u japprezza s-sagrifiċċji li ta' qabilna għaddew minnhom, u dan kollu għall-imħabba kbira li kellhom għall-festa tagħna.


*George Schembri*

Ma nistax ma nsemmix f'din il-kitba tiegħi lil membru ieħor aktar ta' żmienna, Ġorġ Schembri Tad-Dess. Ġorġ għamel ħajtu jew aħjar ħamsin sena fil-Kumitat Festi Esterni, li ħafna minnhom għamilhom bħala teżorier tal-istess kumitat. Huwa beda jkun attiv fil-festi tat-33 ċinkwantinarju mill-martirju ta' San Ġorġ, u baqa' jaħdem bla heda, festa wara oħra, għal ħamsin sena konsekuttivi. Bħala żagħżugħ, Ġorġ kien beda jieħu ħsieb id-drapp tal-festa wara Ġużeppi Azzopardi Ta' Żbari. Baqa' sakemm kellu saħħa jaħdem b'imħabba lejn il-festa ta' San Ġorġ, bla ma qatt qata' qalbu. Ġorġ għadu mimli bil-għomor u f'ismi u f'isem il-Kumtitat Festi Esterni, filwaqt li nirringrazzjawh għall-ħidma tiegħu, nixtiqulu kull saħħa.


*Dun Pawl Genovese*

Nagħlaq dan l-artiklu limitat tiegħi billi nsemmi persuna oħra li fl-opinjoni tiegħi għamlet qatigħ sabiex il-festa Ġorġjana tibqa' waħda kbira. Qed nirreferi għal Dun Pawl Genovese li għalkemm għamel żmien qasir membru fi ħdan il-kumitat tagħna, iżda bil-ħidma tiegħu żgur li għen sabiex il-festa Ġorġjana tibqa' żżomm postha fost l-ewlenin fi gżiritna. Ma nistgħux ma nsemmux r-restawr tal-armar mingħajr ma nsemmu lil Dun Pawl Genovese. Kien hu l-moħħ sabiex ġew salvati diversi opri fl-armar tal-festa, fosthom il-Palk Prinċipali, li reġa' ntrama primarjament bis-saħħa tiegħu. Dun Pawl jibqa' msemmi fost ħwejjeġ

oħra għall-poeżiji tiegħu fuq San Ġorġ u fuq kollox għall-Innu Marċ 'Ġorġi Tagħna', li kiteb għall-kumitat tal-festa fl-1983 fuq mużika tal-Mro. Archibald Mizzi.

Nispera li b'din il-kitba fqajra u qasira tiegħi wassalt lill-qarrejja Qriema informazzjoni fuq uħud minn dawk li ħadmu sabiex żammew ħajja l-fjamma ta' mħabba lejn il-patrun tagħna San Ġorġ. Tul is-snin kienu mijiet il-membri fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, membri li ħadmu bil-qalb, b'sagrifiċċju, ħafna drabi bla ma jidhru, b'riżq il-festa. Qatt mhija l-intenzjoni tiegħi li nħallihom barra. Biss nitlob li fil-jiem tal-festa, waqt li nkunu qed nifirħu u nduru mat-toroq tagħna, niftakru f'dawk kollha ta' qabilna li rsistew u ħadmu tant għall-festa ta' San Ġorġ Martri u ngħidu talba għalihom fejn nemmnu li qegħdin igawdu lil Alla flimkien ma' San Ġorġ Martri.





